

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' Settembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tad-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil – Is-Slovenja) – Tax-Fin-Lex d.o.o. vs Ministrstvo za notranje zadeve

(Kawża C-367/19) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Direttiva 2014/24/UE – Punt 5 tal-Artikolu 2(1) – Kunċett ta' "kuntratt pubbliku" – Kunċett ta' "kuntratt b'titolu oneruż" – Offerta ta' offerent ta' ammont ta' EUR 0.00 – Ċaħda tal-offerta – Artikolu 69 – Offerta baxxa wisq)

(2020/C 390/14)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tax-Fin-Lex d.o.o.

Konvenut: Ministrstvo za notranje zadeve

fil-preżenza ta': LEXPERA d.o.o.,

Dispożittiv

Il-punt 5 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2365 tat-18 ta' Diċembru 2017, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jikkostitwixxi bażi legali ta' ċaħda tal-offerta ta' offerent fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku, għas-sempliċi raġuni li l-prezz propost fl-offerta huwa ta' EUR 0.00.

⁽¹⁾ ĠU C 263, 05.08.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Settembru 2020 – Hamas vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-386/19 P) ⁽¹⁾

(Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Ġlieda kontra t-terroriżmu – Miżuri restrittivi meħuda fil-konfront ta' ċerti persuni u entitajiet – Iffriżar ta' fondi – Pożizzjoni komuni 2001/931/PESK – Artikolu 1(4) u (6) – Regolament (KE) Nru 2580/2001 – Artikolu 2(3) – Żamma ta' organizzazzjoni fil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet involuti f'atti terroristiċi – Kundizzjonijiet – Awtorità kompetenti ekwivalenti għal awtorità ġudizzjarja – Deċiżjoni ta' kundanna – Persistenza tar-riskju ta' involviment f'attivitajiet terroristiċi – Obbligu ta' motivazzjoni – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva)

(2020/C 390/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Hamas (rappreżentant: L. Glock, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u S. Van Overmeire, aġenti), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn F. Castillo de la Torre, L. Baumgart, J. Roberti di Sarsina, C. Zadra u A. Tizzano, sussegwentement minn F. Castillo de la Torre, L. Baumgart u J. Roberti di Sarsina, aġenti)